

## *Meta San Ġorġ deher ma' San Pawl u Sant'Agata jiddefendi l-Belt tal-Mdina fl-1429*

*Dun Anthony M. Saliba*

Kull min jidħol fil-Kolleġġjata ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi ma jistax ma jinnotax li l-koppla maestuża tagħha hija mżejna b'pittura stupenda tal-artist Malti Ġużè Briffa, esegwita fl-1938. Din turi lil dan il-qaddis martri, flimkien ma' San Pawl u Sant'Agata, iħarsu lill-Maltin waqt l-attakk tal-Mori fuq l-Mdina tal-1429. L-istess xena tidher f'waħda mill-apside tal-Bażilka ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex. Din tal-aħħar tpittret mill-artist Giambattista Conti ta' Ruma fl-1956. Xi ħadd hawn forsi jistaqsi għaliex f'dawn iż-żewġ knejjes iddedikati lil San Ġorġ tidher din l-istess xena. U x'għandu x'jaqsam San Ġorġ ma' din il-ġrajja importanti fl-istorja ta' Malta.

**Ir-Re Alfonsu V ta' Aragona u Don Gonsalvo de Monroy**

Nibdew pass pass. Meta miet Ferdinandu I, Re ta' Aragona u ta' Sqallija, fl-1416, iż-żewġ kuruni għaddew għand ibnu, Alfonsu V (1396-1458). Dak iż-żmien Malta kienet tagħmel parti mir-Renju ta' Sqallija u mill-Kuruna ta' Aragona. Malli laħaq re, Alfonsu beda jfassal politika barranija mill-iktar ambizzjuża, u mill-ewwel tefa' għajnejh fuq ir-renju ta' Napli. Fl-1421 ir-Reġina Giovanna II ta' Napli, peress li ma kellhiex ulied, adottat lil Alfonsu u semmietu bħala l-werriet tar-Renju ta' Napli. Alfonso naturalment ma tilifx żmien u kien pront irħielha lejn Napli. Imma mill-ewwel inqala' l-inkwiet. Għaliex il-franċiż Luigi III ta' Anjou' kien qed jippretendi li jkun hu li jiret it-tron ta' Napli mingħand Giovanna. Biex tkompli titħabbel il-kobba, dan tal-aħħar sab l-appoġġ tal-Ġenwiżi li kellhom fid-demm għall-Katalani. Quddiem dan kollu, Alfonsu V ma kellux triq oħra għajr dik li jibda jħejji għall-gwerra. Fil-fatt huwa qabbad lill-Ġeneral Braccio da Montone biex jgħinu jiddefendi dawk li hu kien jemmen li huma d-drittijiet tiegħu.

Naturalment, biex tmur għall-gwerra trid il-flus. Għalhekk biex jifdi xi ftit mill-ispejjeż li kien daħal għalihom, Alfonsu deherlu li għandu jbigħ b'rahan il-gżejjer Maltin. Issa ngħiduha kif inhi: il-problema tal-flus ma kinetx l-unika raġuni għaliex Alfonsu ried jeħles minn Malta u Għawdex. Il-baħar Mediterran kien infestat bil-pirati u l-kursara, Misilmin u mhux. U minn żmien għal żmien dawn kienu

jinżlu fuq Malta u Għawdex u jagħmlu ħerba minn kulma kien jaqa' taħt idejhom. Minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħhom, Malta u Għawdex kienu in fronteria Infidelium Barbarorum, kif issejħu tant tajjeb fl-1437. Minn dokument tal-1405 nafu li d-dgħajsa li kienet taqsam regolarment bejn Malta u Għawdex, imsejħa dak iż-żmien "madia", kienet ġiet distrutta għalkollox mill-Mori. Is-sitwazzjoni f'Għawdex kienet tassew mill-agħar. U f'Malta ma kinetx aħjar. Tant hu hekk li fl-1418 il-gvern ta' Malta, li dak iż-żmien kien jissejjaħ l'Università, għarraf lill-Viċirejiet ta' Sqallija li minħabba ż-żieda tal-attakki tal-Misilmin kien hemm ir-riskju li l-gżira ta' Malta tinqered għal kollox, l-istess kif dawn l-attakki kienu għoddhom qerdu kompletament lil Għawdex. Dakinhar il-gvern ta' Malta kien talab li jinbena torri jew kastell fuq Kemmuna, peress li l-kursara kienu qed jistaħbew wara din il-gżira. Il-Viċirejiet wiegħdu li ser jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jgħinu lill-Maltin. Imma milli jidher ftit li xejn sar biex jitjiebu l-affarijiet. Tant hu hekk li t-torri fuq Kemmuna ma nbeniex qabel l-1618, mitejn sena wara!

Intant, għidna diġà li r-Re Alfonsu V iddeċieda li jbigħ lil Malta u Għawdex b'rahan. Bejgħ b'rahan kien ifisser li biex jirkupra lura l-gżejjer Maltin, ir-Re ried jagħti lura lix-xerrej l-ammont kollu tal-flus li dan tal-aħħar ikun ħareġ. Nhar l-20 ta' Jannar tal-1421, Alfonsu biegħ il-gżejjer ta' Malta u Għawdex lin-nobbli Aragoniż Don Gonsalvo de Monroy għas-somma enormi ta' 30,000 fjorin tad-deheb. Fil-kuntratt isem de Monroy ma jidhirx. Jidher isem Don Antonio de Cardona. Imma fis-7 ta' Marzu ta' dik l-istess sena, dan Cardona ttrasferixxa d-drittijiet fewdali tiegħu fuq il-gżejjer Maltin lil Don Gonsalvo de Monroy u ddikjara li dakinhar tal-20 ta' Jannar huwa kien qed jaġixxi f'ismu.

Don Gonsalvo de Monroy serva bħala Konti ta' Malta mill-1421 sal-1427. Tul dawn is-snin is-sitwazzjoni fil-gżejjer Maltin marret mill-ħażin għall-agħar. Fis-sajf tal-1423, armata di li Mori (armata tal-Mori) ħabtet għal dawn iż-żewġ gżejjer u ħarbtithom. Numru kbir ta' Maltin u Għawdxin spiċċaw priġunieri u ngarru fil-jasar. Fosthom aktarx li kien hemm l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mauro Calì. Din ir-razzia kompliet kattret it-tbatija u l-miżerja fost il-poplu. U kulma jmur il-poplu beda jżid fir-rabja tiegħu lejn min kien qed jaħkmu. Interessanti ferm li l-inkwiet beda Għawdex, forsi għax l-Għawdxin kienu kompletament abbandunati fil-miżerja tagħhom. Nafu li f'xi żmien bejn l-1421 u l-1425 l-Għawdxin irvellaw kontra Don Gonsalvo de Monroy, li issa kien ġie mogħti t-titlu ta' Admiral fi Sqallija u magħdud mal-barunijiet ewlenin tar-Renju. Fl-1426, imbagħad, l-irvell qasam il-fliegu u minn Għawdex l-inkwiet beda jinxtered ukoll ma' Malta. Il-qofol ta' kollox intlaħaq meta l-Maltin qamu bis-saħħa kontra de Monroy, ħatfulu ġidu, u sakkru lil niesu fil-Castrum Maris (Kastell Sant'Anġlu) tal-Birgu. Fost dawk maqfula kien hemm ukoll martu, Donna Costanza. Wara ħafna trattativi u diskussjonijiet bejn ir-Re Alfonsu, il-Viċirejiet ta' Sqallija, u l-Maltin, intalħaq ftehim li l-Maltin iħallsu

lura lil Don Gonsalvo de Monroy it-30,000 fjorin li kien nefaq meta xtara d-drittijiet fewdali fuq il-gżejjer tagħhom mingħand ir-Re. Issa wieħed jista' jaħseb xi tbatija kienet tfisser biex tiġbor dawk il-flejjes kollha mingħand il-poplu li kien litteralment għadma u ġilda. U meta fl-ewwel xhur tal-1429 Don Gonsalvo de Monroy kien mixħut fuq is-sodda tal-mewt, minn dawk it-30,000 fjorin il-Maltin kienu laħqu ġabru biss żewġ terzi. Imma fl-aħħar lill-Maltin ġiethom waħda tajba! Għax kif kien f'dawk l-aħħar mumenti ta' ħajtu, jien naħseb li Don Gonsalvo de Monroy ħass ir-rimors tal-kuxjenza jagħfsu ta' kif kien ittratta lill-Maltin. U biex jeħles mit-toqol tiegħu u jipprova jixtri l-ġenna, de Monroy ħafer l-10,000 fjorin li l-Maltin kien fadlilhom jagħtuh. U mhux hekk biss. De Monroy ordna wkoll li 10,000 fjorin mill-għoxrin li l-Maltin kienu laħqu tawh, jintraddu lura lil min ħariġhom u l-bqija tal-flejjes jintefqu għad-difiża tal-gżejjer Maltin.

**Il-wasla tal-Mori fl-1429**

Qabelxejn tajjeb wieħed jistaqsi min kienu dawn il-Mori li diġà semmejna fuq u li ser nitkellmu dwarhom issa. It-terminu Mori huwa mnissel minn dak Latin Mauri u jirreferi għall-Musulmani li, fil-Medjuevu, kienu jgħixu fil-Maghreb u fuq il-peniżola Iberika (Spanja). Anke l-Musulmani li kien hemm fi Sqallija u f'Malta ġieli ssejħu Mori. Fil-fatt dan it-terminu kien applikat b'mod differenti matul iż-żmien biex jindika nies ta' dixxendenza Berbera-Għarbija mħallta jew nies b'antenati ta' demm Afrikan pur. Dawn il-Mori kienu ta' sikwit jaħbtu għall-gżejjer tagħna. Hekk pereżempju ġara fir-razzia (jiġifieri attakk għal għarrieda għal skopijiet ta' konkwista, serq, u qbid ta' skjavi) tal-1423, meta l-armata ta' Tunes ħarbtet iż-żewġ gżejjer, qatlet ħafna nies, ħarbtet id-djar u l-kappelli fl-irħula u ħarqet l-andrijiet li s-soltu jirtefgħu f'Lulju.

Intant, kemm kemm kienu laħqu stejqru mit-trawma kbira li kienu għaddew minnha bil-kwistjoni ta' Don Gonsalvo de Monroy, li l-gżejjer Maltin ma reġgħux spiċċaw fil-mira tal-Mori. U din id-darba ma kinetx xi razzia, imma attakk maħsub u assedju organizzat kontra l-belt tal-Imdina. Il-kittieba tal-antik isemmu diversi dati ta' meta ħasbu li seħħ dan it-tieni attakk f'inqas minn għaxar snin. Fl-istorja tiegħu ta' Malta (Della Descritione di Malta, 1647), Ġann Franġisk Abela jsemmi s-sena1427. Bħalu jikteb ukoll il-Konti Ciantar fil-Malta Illustrata (1780). U l-istoriku Pietru Pawl Ciantar, fil-ktieb tiegħu Storja ta' Malta u l-Gżejjer tagħha (1890), jikteb taħt is-sena 1427: "...wara x-xenata ta' Monroy, u waqt li kienu jirranġaw ruħhom l-affarijiet, inqalgħu t-Torok...". Ma' dawn kollha jaqbel ukoll Ġann Anton Vassallo (1890) meta fl-Storia di Malta kiteb li l-Mori ħabtu għall-gżejjer Maltin fis-snin 1427-1428. Imma r-riċerka li saret dan l-aħħar minn Frans X. Cassar u l-ħabib tiegħi Simon Mercieca wriet li dawn il-kittieba ma' kinux preċiżi. Dan għaliex il-kronista Għarbi Al Maqrizi (magħruf ukoll bħala El Zarkasi), li għex bejn l-1364

u l-1442, jikteb li t-Tuniżini ġew Malta fit-18-il jum fis-sena tal-Ħeġira 833. Issa, fil-kalendarju tagħna, din is-sena hija l-1429 u f'dik is-sena, is-sena tal-Ħeġira bdiet f'Settembru. Ma' Al Maqrizi jaqbel ukoll il-Kardinal Isidore (1385-1463) li kien telaq minn Kostantinopli u wasal f'Sirakuża nhar il-Ħadd 25 ta' Settembru. Fil-kronaka tiegħu jgħid li meta niżel l-art, il-jum ta' wara, sema' li l-Mori kienu ħabtu għal Malta. Dan ifisser li l-attakk tal-Mori fuq Malta seħħ fit-tieni nofs ta' Settembru tal-1429.

Fil-memorjal tiegħu tal-1475, il-Capitano della Verga Giovanni di Mazara jgħid li l-Mori ħabtu għal Malta b'qawwa ta' madwar 18,000 suldat. Il-kronista Venezjan Marino Sanudo jikteb li dawn is-suldati kienu imbarkaw fuq flotta ta' sebgħin fusta, jigifieri xini bil-ġenb baxx. Kronisti oħra però jgħidulna li erbgħin minn dawn il-bastimenti kienu xwieni kbar, bi tliet qaddiefa fuq kull bank. Jekk dawn il-qaddiefa ma kinux skjavi, allura wieħed irid jassumi li dawn niżlu huma wkoll l-art jissieltu mal-Maltin. Al Maqrizi jgħid li s-Sultan ta' Tunes Abu Faris Għażżuż kien amar lir-Rajjes ta' din il-flotta, il-Qajd Ridwan, biex jekk wara tlett ijiem ma jkunx irnexxielu jieħu l-Mdina, iwarrab minnufih minn taħt is-swar tagħha, jitlaq minn Malta u jmur lura lejn Tunes.

Sanudo jikteb li l-Mori niżlu l-art ħabta u sabta u tferrxu mal-irħula fil-kampanja ta' Malta. Skont dan il-kronista, mill-kampanja l-għadu irnexxielu jaħtaf madwar 4,500 ruħ, aktarx dawk li ma kellhomx żmien jitilqulha lejn l-Mdina biex jistkennu wara l-ħitan tagħha. Dawn il-Maltin spiċċaw ilsiera tal-għadu. Kronisti oħrajn isemmu ċifri iżgħar minn dawk ta' Sanudo. Imma xorta jibqa' l-fatt li n-numru tal-Maltin li spiċċaw priġunieri tal-Mori kien wieħed kbir, l-iktar meta wieħed jieħu inkonsiderazzjoni li, skont il-kalkoli li kien għamel Godfrey Wettinger mil-Lista tad-Dejma, il-popolazzjoni ta' Malta f'dak iż-żmien kienet tqarreb it-12,000 ruħ.

Wara li ħarbtu l-irħula, l-Mori resqu lejn l-Mdina u dawruha. Mill-ġdid Sanudo jgħid li l-qilla li wera l-għadu mal-Maltin kienet kbira u li ma titwemminx. Ġan Franġisk Abela wkoll isemmi li sar ħafna tixrid ta' demm. Min-naħa tagħhom, il-Mori kienu qed jistennew li l-Mdina ser iċċedi fi ftit sigħat. Imma dan ma seħħx. Anzi, Al Maqrizi jgħid li l-għadu baqa' taħt is-swar tal-Imdina sakemm kien għoddu ħadha. Imbagħad, bla kliem u bla sliem, il-Mori ħallew l-Mdina, irtiraw lejn ix-xwieni tagħhom, u telqu minn Malta.

**L-intervent mis-sema**

L-awturi tal-antik dejjem sostnew li dan seħħ minħabba intervent mis-sema. Missirijietna dejjem emmnu li dakinhar l-Mdina ġiet meħlusa mill-għadu mirakulożament. Dan għaliex xi qaddisin, għeżież għall-Maltin, niżlu mis-sema



***Il-Pittura fil-koppla tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi, turi d-dehra ta' San Ġorġ flimkien ma' San Pawl u Sant'Agata impittra minn Joseph Briffa fl-1936***

jgħinu lil dawn jiddefendu l-belt tagħhom. Ġan Franġisk Abela jikteb li mal-kuraġġ tal-ġellieda Maltin ingħaqad l-Appostlu San Pawl protettur tal-gżira: "essendo stati i nemici risospinti dal valor de' nostri, aiutati da Dio per intercession del Gran Apostolo S. Paolo nostro Protettore...". Inħalli imma lil Pietru Pawl Castagna jgħidilna x'ġara: "Wara tlett ijiem kumbatt l-iktar qawwi, għall-ħniena ta' Alla u għat-talb tal-Maltin, deher San Pawl liebes mant kollu stilel, fuq żiemel, b'xabla f'idu jiddefendi lill-Maltin. Il-Ġeneral Tork ordna lil tiegħu jdawru l-vleġġeġ kontra dik il-figura (ta' San Pawl), li fuq is-sħab, bil-qilla tal-ħarsa tiegħu, beżża' lill-Musulmani. Iżda il-lanez, flok ittajru 'l quddiem, reġgħu lura biex ifieru lill-istess Musulmani." Imma Castagna jżid dettall importanti li ma nsibuhx f'awturi oħra meta jitkellmu dwar dan l-assedju tal-Mori. Dan jagħmlu meta jikteb: "Skritturi antiki jgħidu illi, maġenb San Pawl deher ukoll San Ġorġ fuq iż-żiemel u Sant'Agata mal-banda l-oħra."

Bosta awturi moderni malajr igħidulek li dan it-tagħrif li kiteb Castagna dwar l-interċessjoni mis-sema tul l-assedju tal-1429 huwa sempliċement tagħrif

folkloristiku u m'għandux jittieħed bis-serjetà. Anzi, aħna f'Għawdex kellna lil min sejjaħ b'disprezz tagħrif bħal dan bħala "ħrejjef" u kien jiddieħak bina meta konna nagħtu lil-leġġendi li għaddew minn fomm għal ieħor tul meded twal ta' snin l-importanza li jixirqilhom. Ħalli mbagħad ir-riċerka serja u moderna ta' dawn l-aħħar snin uriet li ħafna minn dawn il-leġġendi għandhom bażi storika, bħal-leġġenda Normanna tat-twaqqif tal-Matriċi ta' Santa Marija tal-Imdina ta' Għawdex mill-Konti Ruġġieru. Illum storikament nafu li kien ibnu, Ruġġieru II, li għamel dan f'Lulju tal-1127. Għalhekk jiżbaljaw ukoll dawk li jgħidulek li l-ġrajja ta-dehra ta' San Pawl, ta' Sant' Agata u ta' San Ġorġ fuq is-swar tal-Imdina ta' Malta għandha tiġi mwarrba għax m'għandha l-ebda siwi storiku. U ser ngħid għaliex.

Meta ftit snin ilu kont qed inżur il-Mużew Djoċesan ta' Gaeta fl-Italja, rajt il-famuż Stendard ta' Lepanto li, wara li kien tbierek mill-Papa San Piju V fil-11 ta' Ġunju tal-1570 fil-Bażilka ta' San Pietru ta' Ruma, ġie mogħti lill-Ammiral Marcantonio Colonna. Fuq dan l-istendard hemm impittra x-xena tal-Kurċifiss bejn San Pietru u San Pawl bil-kelmiet taħtha In Hoc Signo Vincis. L-Ammiral Colonna ħa miegħu dan l-istendard u qiegħdu f'post prominenti fuq il-ġifen tiegħu Capitana waqt il-Battalja ta' Lepanto tas-7 ta' Ottubru 1571. Dan għamlu biex iqawwi qalb is-suldati u l-baħrin li kienu qed jieħdu sehem f'dik il-battalja li intemmet f'rebħa importanti għall-flotta tal-Insara, il-Lega Sacra. Bħal Colonna għamel l-Ammiral l-ieħor Don Giovanni d'Austria li qiegħed stendard ieħor bi xbieha oħra tal-Kurcifiss fuq il-bastiment tiegħu Real. Dan ukoll kien tbierek mill-istess Papa Piju V. Għax din li s-suldati nsara jġorru bnadar, stendardi, u bandalori bix-xbihat ta' Kristu, tal-Madonna, u tal-qaddisin patruni tagħhom, ma kinetx xi ħaġa minn ewl id-dinja. Anzi, kienet ħaġa normali. Għalhekk xejn ma għandna neħduha bi kbira jekk il-Maltin, waqt l-assedju tal-1429, ħadu magħhom fuq is-swar tal-IImdina xi bnadar u stendardi bix-xbihat ta' San Pawl. Wara kollox, sa minn dawk iż-żminijiet bikrin, il-Maltin kellhom diġà devozzjoni kbira lejn San Pawl, kif kiteb, ftit iktar minn mitt sena wara, is-saċerdot Johannes Quintinus Haeduus fl-Insulae Melitae descriptio (1536). U jien nemmen li din il-ġrajja tad-dehra ta' San Pawl jiġġieled mal-Maltin waqt l-assedju, tista' tkun ġejja minn dawn l-istendardi u bandalori bix-xbiha tiegħu fuqhom.

U xi ngħidu għaż-żewġ qaddisin l-oħra? Għaliex Pietru Pawl Ciantar isemmi li ma' San Pawl dehru wkoll Sant'Agata u San Ġorġ jiġġieldu mal-Maltin?

Nibdew minn Sant'Agata. Din, bħal San Pawl, ilha tgawdi qima fost il-Maltin sa mill-qedem nett. Biżżejjed wieħed igħid li l-katakombi qadim li hemm fir-Rabat tal-Imdina, fl-inħawi ta' Ħal Bajjada, iġib isimha. Fl-istorja tiegħu tal-Ordni ta' San Ġwann, Giacomo Bosio jgħid li meta fl-1551 it-Torok ħebbew għal Malta u waslu sa taħt is-swar tal-Imdina, il-Maltin qiegħdu l-istatwa ta' din il-qaddisa fuq is-swar

tagħhom biex tħarishom. It-Torok sparaw għal fuqha kemm-il darba, imma qatt ma laqtuha. Fl-aħħar qatgħu qalbhom u telqu. U dakinhar il-Maltin emmnu li kienet Sant'Agata li ħarsithom u ħelsithom mill-għadu. Dan juri li Sant'Agata kienet waħda minn dawk il-qaddisin li l-Maltin kienu jduru lejhom fi żmien il-għawġ. Kemm il-kult lejn Sant' Agata kien qawwi f'Malta jixhdu l-fatt li tul il-Viżta Pastorali tiegħu tal-1575, Mons. Pietru Dusina jsemmi disa' knejjes iddedikati lilha u jitkellem dwar id-devozzjoni kbira li l-Maltin kellhom lejha.

U xi ngħidu għal San Ġorġ? Fl-opinjoni tiegħi, hawnhekk irridu nfittxu r-raġuni għaliex ma' San Pawl u Sant'Agata deher ukoll San Ġorġ iktar fil-fond. Mela, fl-antik kienet ħaġa li tiġri ta' sikwit li kull meta Malta kienet tkun attakkata mill-għadu kien jintbagħat "is-sokkors" minn Sqallija, jiġifieri stakkament ta' suldati armati sa snienhom li jiġi bil-baħar minn Sqallija biex jgħin lill-Maltin jiddefendu l-belt u l-gżira taġħhom. Hekk pereżempju, fl-Assedju l-Kbir tal-1565 insibu li waslu Malta żewġ "sokkorsi" minn Sqallija: wieħed żgħir wara l-waqgħa ta' Sant' Iermu fit-23 ta' Ġunju, lejlet San Ġwann, u iehor kbir li wasal Malta lejlet il-Vitorja, nhar is-7 ta' Settembru. Fil-każ tal-assedju tal-Imdina tal-1429, l-istoriku Roberto Valentini jgħidilna li, meta ħabtu għal Malta, l-Mori kienu ħadu l-gvern ta' Sqallija tant għal għarrieda li dan bilkemm kellu żmien jissellef flus biżżejjed mingħand il-Lhud biex jibgħat "sokkors" ta' armi u nies biex jgħinu lill-Maltin. Imma l-Mons. Alfredo Mifsud jikteb li kif il-Kardinal Isidore li diġà semmejna fuq niżel Sirakuża fis-26 ta' Settembru, il-bastiment li kien fuqu ngħaqad ma' għaxra oħra u rħewlha lejn Malta li allura kienet taħt l-attakk tal-Mori. Minn dokument interessanti ppubblikat minn Godfrey Wettinger insiru nafu wkoll li f'Palermo l-gvern kien ġabar iċ-ċorma ta' ġifen Venezjan għax dawn kienu rrifjutaw li jingħaqdu mas-"sokkors" li kien qiegħed jitħejja biex jintbagħat f'Malta. U dan kollu seħħ proprju fiż-żmien meta l-Mori kienu qed jassedjaw l-Mdina. Fl-istess dokument jissemma wkoll l-artist Nicolao de Senes li kien tħallas biex ipitter żewġ bandalori u bandiera għas-suldati tas-"sokkors" li kien tħejja biex jintbagħat Malta. Fuq waħda kien pitter il-Kurċifiss u fuq l-oħra l-arma ta' Aragona. Fuq it-tielet waħda de Senes kien pitter ix-xbiha ta' San Ġorġ.

Ma nafux jekk dan "is-sokkors" wasalx Malta jew le. Jien naħseb li wasal. Għax jekk se nżommu ma' dak li jgħid Al Maqrizi li l-Mori telqu minn taħt is-swar tal-Imdina proprju meta kienu għoddhom ħaduha, bilfors li dan għamluh mhux b'kapriċċ imma għax kien hemm xi raġuni serja, u serja ħafna. Ma ninsewx li dawn il-Mori kienu ġellieda tas-sengħa, nies imdorrija jitqabdu sal-aħħar anke għaliex lilhom ukoll kien imiss xi ħaġa mill-priża li kienet tinqabad. Għalhekk jien nemmen li "s-sokkors" minn Sqallija wasal, u wasal fil-ħin. U kif il-Mori intebħu bih, warrbu malajr u qabdu t-triq lura lejn ix-xwieni taġħhom. Jekk l-istorja seħħet kif qed naħseb jien, m'hemmx dubju li l-Maltin, għajjiena u beżgħana kif kienu, rawhom

bħal anġli neżlin mis-sema lil dawk is-suldati ta' dan "is-sokkors" li fuq waħda mill-bandalori li kienu qed iġorru kien hemm ix-xbiha ta' San Ġorġ. Il-ġellieda nsara ta' Sqallija kienu jaħilfu b'San Ġorġ, l-iktar wara l-Battalja ta' Cerami tal-1063, meta San Mikiel u San Ġorġ dehru jitqabdu mas-suldati nsara mmexxija mill-Konti Ruġġieru kontra l-eżerċtu Musulman. U mkien ma kienu jmorru mingħajr ix-xbiha tiegħu, kif fil-fatt seħħ fl-1429. Għalhekk m'għandniex narawha bi kbira jekk il-Maltin dakinhar emmnu bis-sħiħ li l-belt tagħhom ġiet meħlusa wkoll bl-interċessjoni ta' San Ġorġ li x-xbiha tiegħu rawha tperper ma' dik ta' San Pawl u Sant'Agata fuq is-swar tal-Imdina.

Wara kollox, wieħed irid jgħid li l-qima lejn San Ġorġ f'Malta hija qadima bis-sħiħ. Fost l-għaxar parroċċi li jsemmi l-Isqof Senatore de Mello fir-Rollo tiegħu tal-1436 hemm dik ta' Raħal Curmi – ta' Ħal Qormi, iddedikata lil dan il-qaddis. Ix-xbiha ta' San Ġorġ tidher ukoll darbtejn fil-kappella medjevali tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri. Anke f'Għawdex, San Ġorġ kellu d-devoti tiegħu. Fil-fatt, wara l-parroċċi ta' Santa Marija ta' Savina u ta' San Ġakbu fit-Tokk, it-tielet parroċċa li nqatgħet mill-Matriċi ta' Santa Marija fl-Imdina ta' Għawdex kienet dik ta' San Ġorġ, li bħat-tnejn ta' qabilha twaqqfet fir-"Rabat" (is-subborg) tal-belt. U minn dakinhar sal-lum, il-qima tal-Maltin u l-Għawdxin lejn dan il-qaddis martri ma qatgħet qatt.

